MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

**ONOR. IMHALLEF**
**PACE RAYMOND C.**

Seduta tal-5 ta' Dicembru, 2002

Citazzjoni Numru. 512/2002/1

**Isabella Grixti**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-
Illi c-certikfikat tat-twelid taghha giet registrata fl-Atti tal-twelid numru 1553, registrat fit-23 ta' Marzu 1982, hawn anness u mmarkat bhala Dok A.

Illi fl-atti surriferti jezisti zball fis-sens illi l-kunjom taghha tnizzel bhala GRISCTI u mhux bhala GRIXTI, kif fil-fatt kien registrat missiera Gaetano Grixti, att ta' twelid numru 3560 registrat fit-13 ta' Mejju 1954;

Illi l-attrici tixtieq tipprevalixxi ruhha mid-dispozizzjoni tal-artikolu 253(1) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex jigi rettifikat l-izball li sar fl-Att tal-Twelid surriferit ;

Illi l-istess attrici talbet li l-konvenut jghid ghaliex m'ghandiex il-Qorti:

1. Tordnalu jikkoregi l-izball fl-Atti tat-twelid numru 1553 fis-sens illi kull fejn jidher l-kunjom GRISCTI jigi mhassar u minflok jitnizzel l-kunjom GRIXTI;

2. Bl-ispejjez kontra l-konvenut li hu minn issa ngunt ghassubizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol 4 sa 11 tal-
process;

Rat l-avviz fil-Gazzetta tal-Gvern tal-21 ta' Mejju 2002.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tad-Direttur Registru Pubbliku a fol 20 fejn gie eccepti:

1. Illi huwa mhux edott mill-fatti kif allegati fic-citazzjoni u ghalhekk jirrimetti ruhu ghal provi dwar it-talbiet u ghal gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

2. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-att tat-twelid numru 1553 tas-sena 1982 mhuwiex attribwibbli ghal xi nuqqas tal-konvenut li ghaldaqstant m'ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta' l-istanti.

3. Illi l-Avukat Generali ghadu ma giex notifikat skond l-Artikolu 181B tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista ta' xhieda tal-konvenut a fol 21 tal-process;

Rat il-verbal tallum fejn l-attrici prezenti bil-gurament taghha kkonfermat id-dikjarazzjoni attrici u li m'ghandiex aktar provi, u talbet li l-kawza tibqa' ghas-sentenza.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi din il-kawza titratta dwar talba ghall-korrezzjoni fic-Certifikat tat-Twelid ta' l-attrici numru 1553/1982 *stante* li l-attrici qed tallega li fil-fatt hi kienet dejjem maghrufa bil-kunjom "Grixti" u mhux "Griscti" kif indikat fl-istess Certifikat.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-allegazzjonijiet attrici lkoll gew ippruvati, u fil-fatt lanqas biss huma kkontestati, u dan jinsab ikkonfermat ukoll mic-certifikat tat-twelid ta' missier l-attirici stess Nru 3560/1954. Ghalhekk it-talba kif dedotta ghandha tigi milqugha.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut **tilqa' t-talba attrici** kif dedotta fic-citazzjoni, b'dan li:-

1. tordna li fl-Atti tat-twelid numru 1553/1982 kull fejn jidher l-kunjom "GRISCTI" jigi mhassar u minflok jitnizzel l-kunjom "GRIXTI";

Illi l-Qorti tordna ukoll li *ai termini* tal-**Artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta** li kull korrezzjoni hawn ordnata ghandha ssir mid-Direttur tar-Registru Pubbliku fi zmien ghaxart ijiem minn dak in-nhar li s-sentenza tghaddi f'gudikat u ghandha ssir bis-sahha ta' kopja vera tas-sentenza li tinghata lilu mir-Registratur tal-Qrati Superjuri, bil-mod preskritt fl-istess disposizzjonijiet tal-**Kap 16.**

Illi dwar il-kap tal-ispejjez dawn ghandhom jigu ssoportati mill-istess attrici, *stante* li ma jirrizultax mill-provi li tali zball kien imputabbli ghal xi raguni lill-konvenut odjern.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**5 ta' Dicembru 2002**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**5 ta' Dicembru 2002**